**Kunsill Lokali Marsaskala**
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħaNru : **6** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **t-Tlieta 11 ta' Ġunju 2013 fil-6.00p.m.**

# L-EwwelSeduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur Daniel Spiteri(daħal għal laqgħa fis-6.30pm)<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal għal laqgħa fit-8.15pm) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 4 u 5.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tal-Business Plan 2013-2015.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.

Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
CharlotMifsud
CharlotCassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qariwapprovazzjonital-Minuti :***

1.1 **LaqgħaNru 4(1) tas-7 ta' Mejju2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 3 artiklu #3.2 it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud spjega illi xi għaxar snin ilu kien sar ftehim mall-Għaqda baħħara u Sajjieda għaliex kien hemm problema fejn setgħu jitpoġġew id-dgħajjes f'Marsaskala b'hekk intlahaq ftehim sabiex jinħolqu tlett areas, area A fuq is-simenta quddiem il-knisja area B quddiem il-winċ, pero ġara illi kien hemm min ma laħaqx post f'dawn iż-żewġ areas allura kienu bdew itellghawhom fi Triq Santa Tereża".*

1.13 Il-Kunsillieris-Sur John B. Camilleri qal illi paġna 3 artiklu #3.1 ir-raba paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej :

*"Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab sabiex jiġi nfurmat meta tkun ser issir il-laqgħa minħabba li dan is-sit jaqa taħt ir-responsabbilta` tiegħu".*

**Il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree` Attard pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 Astensjonijiet.**

**Il-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

1.2 **LaqgħaNru 5(1) tal-15 ta' Mejju2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2.1 Il-Kunsillieris-Sur Charlot Cassar qal illi paġna 5 it-tmien paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej :

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li f'dan l-istadju huwa ma jistax jaqbel li nwaqqu l-kawża għax m'hemmx fondi, irridu naraw minn fejn ser jiġu l-flus. Huwa żied jgħid illi għandna nitolbu lill Gvern Ċentrali għall-għajnuna".*

**Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 1 Astensjonijiet. Is-Sur John B. Camilleri spjega illi huwa qed jastjeni għaliex ma kienx preżenti għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.**

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 4(1) tal-7 ta' Mejju 2013:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni rigward paġna 7 punt #3.12 fejn innota illi m'hemmx imniżżell illi s-Segretarju Eżekuttiv ser jkun preżenti għal intervisti.

Is-Sindku wieġbu illi sa dakinhar kienu ġew ħames persuni għal dawn l-intervisti. Huwa żied jgħid illi l-iskrivana s-Sinjura Sharon Schembri kienet preżenti għal dawn l-intervisti. Huwa żied jgħid illi persuni li joqogħdu l-bogħod u li għandom ċertu kundizzjonijiet mhux ser ikun possibli li jaħdmu ġewwa l-Kunsill tagħna.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri jattendi flimkien mas-Sindku għal dawn l-intervisti.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 9 punt #3.16 rigward il-*culvert* li kellu jsir fi Triq Philippe De Vendome jekk bagħtniex is-suġġeriment tagħna minħabba li dan huwa *storm water culvert* u għaldaqstant għandu jsir min-naħa tal-gvern ċentrali.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi bgħatna l-ilmenti u s-suġġerimenti kollha ġewwa l-Ministeru ikkonċernat.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal-laqgħa fis-6.30p.m***

2.1.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq punt #3.2 ta' paġna 3 fejn informa lill-Kunsilliera rigward il-problema li ilha għaddejja matul dawn l-aħħar snin. Huwa żied jgħid illi kellu laqgħa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda u sab koperazzjoni sħiħa min-naħa tagħhom u qal li d-dgħajjes kollha ser jitneħħew minn fuq is-simenta anke dawk id-dgħajjes il-kbar li kien hemm. Is-Sindku kompla jgħid illi ser issir majjalata fuq din is-simenta minn naħa ta' din l-Għaqda flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala u l-*bar* ser jieħdu ħsiebu ta' *Puttinu cares.* Din l-attivita` ser issir fit-2 ta' Awwissu 2013. Huwa kompla jgħid illi Arti fil-beraħ ser issir din is-sena mis-Summer Nights sas-simenta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa illi issir laqgħa mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda għaliex is-simenta area A fix-xitwa tkun *eye sore.* Huwa żied jgħid illi għandu jkun hemm ċertu qies tal-opri tal-baħar li għandhom jitħallew fuq is-simenta fix-xitwa għaliex opri li huma ikbar minn 35 pied għandom jitpoġġew ġo *boat yard* fil-fehma tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi fil-passat Marsaskala kien żgħir u allura l-ammont ta' dgħajes li kien ikun hemm kien minimu.

Is-Sindku qal illi l-laqgħa li kellu lbieraħ kienet pożittiva ħafna u m'għandniex nieħdu passi mgħaġġla. Huwa qal illi fin-nofs għandha ssir *junction box.* Is-Sindku kompla jgħid illi għandha ssir tabella minħabba d-*day trippers* illi ma jistax jitħallew karrijiet għal tlett ijiem sħaħ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi fil-passat ż-żona B kienet riservata għal sajjieda.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camillieri qal li l-laqgħa li kellu is-Sindku mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda kienet posittiva ħafna pero` huwa ma jaqbilx illi lid-*day trippers* għandna nillimitawhom illi ma jħallux il-karru tagħhom matul il-*weekend* meta dawn jagħmlu sena sħiħa jżommu d-dagħjsa tagħhom ġo ġaraxx.

Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu dawn faċilment jistgħu jniżżlu d-dgħajsa u jerġu jieħdu l-karru fil-garaxx, apparti li jekk isir dan ser tkun qed toħloq preċident.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal fuq is-simenta hemm ħofra kbira u għandu bżonn isir *culvert* tal-ħadid.

2.1.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera fuq paġna 3 punt # 3.1 fejn qal li kien iltaqa mas-Sinjura Calvan u mas-Sinjura Gaynor Hunt u ltaqgħu fil-maqgħluq. Huwa kompla jgħid illi s-Sinjura Calvan taħdem man-Nature Trust u ser tħejji rapport għaliex anke sabu ħafna bajd tal-papri ġol *bushes.* Huwa ġibed l-attenzjoni illi lanqas katnazz ma kien hemm.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatu *reminder* lil Awtorita` kkonċernata rigward il-*culvert* tal-Magħluq kellu jinfetaħ u dan wara li l-Kunsill kien iltaqa diversi drabi ma rappreżentanti tal-MRRA saħansitra fuq il-post.

2.1.6 Is-Sindku qal illi rigward punt #3.16 ta' paġna 9 saru tabelli fejn indikaw illi l-moll kien sfrundat. Huwa żied jgħid illi l-moll ta' quddiem is-Summer nights huwa mgħarraq u min naħa tal-Ministeru għamlu miżuri biex inaqqsu minħabba l-periklu.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa lis-Sindku jekk kienx mar mal-Perit tat-TM fuq il-bankina li hemm mkissra quddiem l-*Istuffed Olive* fi Triq ix-Xatt.

Is-Sindku rrispondih illi dik hija r-responsabilta` tal-Kunsill u ssuġġerixxa illi jieħdu r-ritratti sabiex naraw jekk jistgħux nirranġaw il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ħdejn il-monument tal-ankra hemm biċċa triq sfrondata u hemm bżonn li titranġa u issir katusa għad-dawl.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi l-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għat-toroq rigward din it-triq.

Is-Sindku qal li għandna nkellmu lill-kuntrattur li qed jaħdem fi Pjazza Mifsud Bonnici sabiex jitkompla x-xogħol u jkompli jaħdem lejn Triq Sant'Anna sabiex ma jitkompliex jinħoloq inkonvenjent.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward paġna 7 punt #3.11 jekk il-bankijiet ġewx ordanti u meta ser jitwaħħlu.

Is-Sindku qal illi l-kuntrattur ordna l-bankijiet pero` għadhom ma waslux għax ordnati minn barra.

2.2 **<u>LaqgħaNru5(1) tal-15 ta' Mejju 2013:</u>**

2.2.1 Is-Sindku spjega fuq punt #2.0 ta' paġna 5 fejn informa lill-Kunsilliera illi huwa jifhem ill minħabba x-xogħol tagħhom m'attendiex kullħadd għal laqgħa li kellhom fuq il-post ħdejn il-kiosk tal-Bajja ta' San Tumas flimkien mal-Perit tal-Kunsill. Huwa qal illi hu flimkien mal-Kunsillier John B. Camillieri, l-Kunsillier Lawrence Ciantar, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill marru fuq il-post skond kif kien ġie deċiż mil-Kunsill.

Is-Sindku saħaq jgħid illi dak li huwa tal-pubbliku għandu jibqa tal-pubbliku u għaldaqstant l-ebda żona ma għanda tintmess. Huwa żied jgħid illi fejn il-kiosk hemm indikat bil-madum il-parti li hija ta' dan l-iżviluppatur. Għaldaqstant huwa ta' l-opinjoni illi ma nsibux oġġezzjoni illi diment li għandu l-permessi relattivi kollha li jagħmel tip ta' *partition* u umbrellel fil-parti tiegħu biss.

Is-Sindku ppropona mozzjoni:

*Jipproponi illi wara li hu flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill ltqajna fuq il-post propost fejn hemm is-Sensi kiosk u wara li evalwajna s-sitwazzjonijiet, dement illi l-persuna kkonċernata permezz tal-applikazzjoni PA00722/13 għandha l-permessi kollha relattivi min-naħa ta' kull dipartiment tal-gvern ċentrali ma nsibux oġġezzjoni illi fuq l-ispazju eżistenti ta' l-istess kiosk jitwaħlu paravendi trasparenti u temporanji kif ukoll umbrellel fuq l-ispazju u b'hekk nħossu illi it-tinda proposta ma tagħmilx ġid kemm lill-ambjent kif ukolll ir-residenti tal-madwar. Inżied ukoll illi dak li s'issa huwa tal-pubbliku għandu jibqa tal-pubbliku. Nispeċifika illi l-parti ta' quddiem meta wieħed jinżel mit-taraġ ta' ħdejn Ġnien David Vella u tiġi għar-rampa użata minn persuni bi bżonnijiet speċjali ma titmissx.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda.

**Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 Astensjonijiet u 0 Kontra.**

2.2.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq punt #5.0 ta' paġna 6 fejn ried ikun jaf għaliex il-berġa tneħħit mil-bini amminisrattiv il-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-kamra fejn hemm pjantat li tiġi l-berġa tista tintuża għal-korsijiet meta wieħed jikkunsidra illi l-Kunsill qiegħed jikri post sabiex jkun jista jiprovdi dawn il-korsijiet. Huwa żied jgħid illi l-berġa tista tibqa fil-post fejn qeda bħalissa liema berġa tinfetaħ għal ftit siegħat matul il-ġimgħa.

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss il-proġġett tal-Gal Xlokk fil-Ġnien tal-Bajja ta' San Tumas.***

***Gal Xlokk lesuire park fil-Ġnien Bajja San Tumas***

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi hu, flimkien mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill marru fil-ġnien sabiex jiddiskutu l-ilmenti tar-residenti rigward l-appart ta' dan il-*lesuire park*. Huwa spjega illi minħabba l-ilmenti tar-residenti tal-madwar l-appart ser jiġi rtirat l-isfel lejn il-baħar u s-siġar li ser jinqalu ser jerġgħu jinżergħu f'post aktar il-fuq fl-istess ġnien.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba illi naqqasna drastikament l-apparat u żiedna d-dawl m'għandiex garanzija illi ser nirċievu l-fondi u se jkollna nibagħtu għall-approvazzjoni tal-Managing Authority.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fejn ser isir apparat tat-tfal irridu noqogħdu attenti illi nimxu skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-*Malta Standards Authority*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li kieku kellha issir kollha *picnic area* u ma nagħmlu xejn apparat nkunu qedgħin nevitaw il-problemi kollha.

Is-Sindku wieġbu illi aħna rċevejna l-fondi fuq l-applikazzjoni sottomessa min-naħa tagħna u dan kien jinkludi *outdoor gym*.

Is-Sindku għadda ittra lill-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qrat ittra li kienet intbagħtet mingħand xi residenti fuq dan ir-rigward biex taqraha waqt is-seduta u lill-pubbliku preżenti.

Il-Kunsill ta permess lis-Sur Lawrence Galea resident illi joqgħod hemmek sabiex jitkellem fejn stqarr il-preokkupazzjonijiet tiegħu fejn qal li huwa qatt ma garr mill-istorbju tat-tfal pero` fil-fehma tiegħu huwa importanti illi jitħalla ġnien sabiex it-tfal jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom, u jekk issir dan l-apparat ser ikun viċin ħafna tat-triq.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li l-istrutturi tat-tfal ser ikunu fissi u dawn ser jservu bħala bankijiet.

Is-Sindku kompla jgħid illi l-Kunsill emenda l-pjanti għaliex jagħti kas l-ilmenti tar-residenti u l-pjanti ġew emendati sabiex ir-residenti tal-madwar jkunu kuntenti bl-iżvlupp li ser jsir.

Is-Sindku ppropona l-emendi tal-pjanta l-ġdida, drawing number 1118-13 u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur u 1 astjena (s-Sur Charlot Cassar astjena).

Ir-resident is-Sur Mario Spiteri ġibed l-attenzjoni illi iż-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Qaliet jridu jsiru iz-zig zag lines.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Road Hump fi Triq ix-Xatt:**

Is-Sindku qal illi iz-*zebra crossing* li hemm fi Triq ix-Xatt għanda issir *road hump* minħabba l-veloċita` li jsuqu fijha f'din it-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera minn kull fejn tgħaddi l-Arriva r-road hump tinħadem li għal kull 10 metri wiesgħa tgħola 5cm, jiġifieri għal din ir-road hump, l-għoli tagħha tant kemm ser ikun minimu illi lanqas biss ser tkun tinħass li hemm road hump.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġerixxa li anke jkun aħjar illi ssir road hump oħra ftit il-fuq jiġifieri quddiem il-lemon n' lime.

Il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw lit-TM sabiex jsiru dawn iż-żewġ *raised pedestrian crossings.*

- Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri preżenta trophie illi ingħatajna mill-mixja li saret minn Ħal Qormi għal Marsaskala.

3.2 **Draft tal-Budget għall-Attivita` Arti fil-Beraħ (35/2473/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din l-attivita` ser tiswa €3000, huwa żied jgħid illi ser nirċievu €1000 min-naħa tal-Gvern Ċentrali u rċevejna ukoll €2000 donazzjoni mingħand il-GO għall-attivitajiet kollha ta' matul is-sena filwaqt li se jintalbu l-kuntratturi kollha għal xi tip ta' donazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-fehma tiegħu l-attivita` kulturali tal-Kappelli li ser ssir ser jkun hemm fee ta' €3 u li fl-opinjoni tiegħu hija ħafna.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar qalet li t-tfal taħt it-12 il-sena ser jkunu bla ħlas.

3.3 **Talba għal reserved parking bay fi Triq Vajrita mingħand Sarah Buhagair għan-nom ta' Vajrita Day Centre:**

Is-Sindku qal li r-Residenza Vajrita qed jitolbu sabiex isir *reserved parking* quddiem din ir-residenza.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li r-*reserved parking* ta' ħdejn is-Summer Nights għanda tinżebaħ blu u s-siġġu bl-abjad ħalli tkun tidher sew.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.4 **Korrispondenza mingħand Fondazzjoni Wirt Artna rigward it-Torri San Tumas:**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jispjega illi dan huwa proġett tal-ERDF 212 u fl-applikazzjoni aħna marbutin illi nġibu 700 turisit fis-sena ġewwa il-lokalita` tagħna. Huwa żied jgħid illi wieħed mil-postijiet turistiċi li konna qed nibbażaw fuqu kien Torri San Tumas peress li kien ser jsir mużew tal-piraterija. Huwa kompla jispjega illi d-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Artijiet illi l-*guardianship deed* ta' dan it-torri ġie revokat minħabba li hemm xi nies barranin li qedgħin f'arranġamenti illi jieħdu dan it-Torri.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk nafux x'tip ta' organizazzjoni hija din.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għadna ma nafux filwaqt li l-Kunsill kien informa lill-Onorevoli Herrera u l-Onorevoli Ian Borg dwar is-sitwazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi veru aħna konna ntrabatna mal-PPCD illi dan ser jkun wieħed mill-postijiet turistiċi, pero` dan huwa wirt storiku li għandna ġol-lokalita` tagħna u ma għandiex nċedu patrimonju bħal dan lill-privat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dan huwa suġġett li għandna nitkellmu mal-Ministru ikkonċernat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għadna niktbu lill-Onor Roderick Galdes.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fis-26 ta' Ġunju 2013 ser jitlaqgħu mas-Sur Brian Farrugia tar-Rihama Battery u mal-Onor. Jose Herrera fejn ser jiddiskutu ukoll din il-problema tat-Torri ta' San Tumas.

3.5 **Talba għal mwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment ġdid Sweet Sin:**

Is-Sindku qal illi s-sid ta' dan l-istabbilment qed jitlob in-no objection tagħna sabiex joħroġ l-imwejjed u siġġiet quddiem dan il-ħanut.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jsibx oġġezzjoni sakemm l-imwejjed u siġġijiet jinħarġu l-barra daqs l-istabilimenti l-oħra.

3.6 **PA/00722/13 – Sensi Kiosk fil-Bajja San Tumas:**

Din il-komunikazzjoni ġiet diskussa iktar kmieni f'din il-laqgħa punt #2.2.1

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal laqgħa fit-8.15pm***

3.7 **Korrispondenza mil-EUPA "dwar recovery of lost funds" rigward il-proġett Intercultural Meal:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dan kien proġett illi l-Kunsill ta' Marsaskala kien il-*lead partner* fejn kienu telgħu l-Greċja u kien qed jieħu ħsiebu s-Sur Mark Casuon. Huwa spjega illi s-Sur Causon kien infurmah illi l-EUPA mhux qed jaċċettaw l-ispejjeż li saru fl-aħħar ġurnata li jammontaw għal €1700.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li f'xi laqgħa preċedenti kien staqsa jekk dawn il-pagamenti kienux ġew issetiljati.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi huwa kien infurmat dan l-aħħar bil-problema li kienet inqalgħet u li s-Sur Mark Causon għadu qed jipprova jasal f'arranġament magħhom. Huwa qal ukoll li l-Kunsill kien qed jistenna li jirċievi l-kumplament tal-flus ta' madwar €3000 ekwivalenti għal 15% tal-proġett.

Is-Sindku qal li għalissa ma nħallsu xejn ħalli naraw jintlaħaqx ftehim.

Is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk dan il-grupp kien għamel ġurnata aktar milli suppost allura ma għandux jħallas l-ispejjeż il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li dan mhux ser ikun possibli minħabba li dan il-proġett kien jinvolvi żgħażagħ mil-Greċja, Slovenja u mi-Turkija apparti dawk Maltin.

3.8 **Appell kontra l-Impjant tar-Riċiklaġġ:**

Is-Sindku qal li kien tkellem mal-Avukat tal-Kunsill u qara l-korrispondenza illi bagħtitilna, fejn l-parir tal-Avukat tagħna huwa, illi ma morrux għall-appell peress li *ċ-chances* illi tiġi varjata tali deċiżjoni hija remota u iktar ma jgħaddi żmien iktar ser jiżdiedu l-ispejjeż.

Is-Sindku ppropona li tittieħed votazzjoni illi l-Kunsill ma joħroġx flus għal-appell wara li ħadna parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ssekonda din il-mozzjoni. Il-votazzjoni kienet 9 favur u 0 astenzjoni, 0 Kontra.

3.9 **Qabza fl-iskala tas-Sinjorina Chantel Zammit minn skala 15 għal skala 13 punt 3:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma l-Kunsilliera illi s-Sinjorina Chantel Zammit waslet għal qabża fl-iskala u jmissa tkun fi Skala 13 punt 3. Huwa qal li tul dawn l-aħħar snin is-Sinjorina Zammit dejjem rċeviet reveiq tajjeb ħafna fl-analiżi tal-Performance Bonus tagħha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi is-Sinjorna Chantel Zammit tipprogressa fl-iskala.

3.10 **EIS update ta' kostruzjoni ta' Urban Waste Water treatment plant fil-limiti tax-Xgħajra:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi rċevja nformazzjoni dwar EIS update tal-*urban waste water treatment plant* li qiegħed fil-limiti tax-Xgħajra. Huwa stieden lill-Kunsilliera illi kull minn hu nteressat illi jara dan ir-rapport jistgħa jagħmel dan.

Il-Kunsill ma kelli l-ebda oġġezzjonijiet jew kummenti x'jagħmel

3.11 **Disposal ta' l-appart antik kollu li nqala mill-bandli tal-Pjazza Mifsud Bonnici:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi Awditur talbuh sabiex l-apparat li kien hemm fil-bandli jiġi *written off*.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.12 **Risposta għal management letter ta' l-Awdituri:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta r-risposta tagħna lill-Awdituri u spjega il-proċess tal-awditjar.

Il-Kunsill qabel unanimament bir-risposta tal-management letter.

3.13 **Korrispondenza mingħand Ruth Cauchi rigward il-possibilta li jsir klabb ta-sajf għal teenagers:**

Is-Sindku spjega illi kien iltaqa mas-Sinjura Cauchi fejn din talbitu sabiex jsir dan il-kors fil-lokalita` tagħna. Huwa żied jgħid illi nofrulhom it-*training centre* meta ma jkunx hemm korsijiet min-naħa tagħna.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ma nofrux it-*training centre* u lanqas nissusidjaw dan il-kors minħabba li din kumpanija hija privata u speċjalment meta l-prezz mitlub huwa ta' €150 għal kull persuna.

3.14 **Ħatra ta'Bord għall-aġġudikazzjoni tas-sejħiet għall-offerti KLM 2013/04 u KLM 2013/05:**

Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsilliera sabiex jaħtru l-membri għal-dawn iż-żewġ *tenders.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-membri maħtura għal dan il-bord tal-aġġudikazzjoni għandhom jkun, s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit tal-Kunsill, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar, il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri, l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar u s-Sur.Joe Mercieca bħala membru tal-pubbliku.

3.15 **Petizzjoni li l-Kunsill Lokali rċieva rigward il-proġett EARDF313 kif ukoll l-pjanta ġdida mil-Perit tal-Kunsill A.Abela:**

Din il-komunikazzjoni diġa ġiet diskussa aktar kmieni f'din is-seduta f'paġna 4 bit-titlu ta'*Gal Xlokk lesuire park fil-Ġnien Bajja San Tumas.*

3.16 **Lease of Tenement in Salini Street Marsaskala (Council Premises)(35/2826/13/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġeddu l-kuntratt tal-kera tal-Kunsill għal sena oħra u nibdew naħsbu biex nibnu l-bini l-ġdid tal-Kunsill.

3.17 **Cirkulari AKL Cirk 39/2013 –Tħawwil ta' Siġar (35/2826/13/I):**

Is-Sindku ppreżenta komunikazzjoni fejn il-Gvern qed jipproni li l-Kunsill jissuġerixxi żoni fejn jistgħu jitħawlu xi siġar.

Il-Kunsill qabel unanimanet illi ż-żoni jiġu ddentifikati iktar il-quddiem.

3.18 **Mwejjed u Siġġijiet fuq il-promenade fi Triq ix-Xatt faċċata tal-istabilimenti:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi t-talba tagħna sabiex kull stabiliment joħroġ mejda u erbgħa siġġijiet fuq il-promenade faċċata tal-istabilment tagħhom ġiet miċħuda pero` se jkun qed jipprova jikkordina biex jinħareġ permessi temporanji permezz ta' l-A.L 119 tat-2002.

3.19 **Permessi għall-festa ta' Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni illi jinħarġu l-permessi għal-gabbani tat-*toys* u qubbajt fi Triq ix-Xatt tat-tlett ijiem tal-festa.

Is-Sindku ssuġġerrixa illi nagħtu permess sabiex jkunu hemm żewġ vannijiet li jbigħu l-ikel.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jerġgħu jingħata permess illi jitpoġġew l-*istalls* tat-*toys* fejn kienu tpoġġew fis-sena ta' qabel pero` din is-sena għandhom jiġu mmarkati mal-art l-*area* ta' fejn jitpoġġew u jiġu numerati. Il-Kunsill qabel ukoll illi bħas-snien ta' qabel, tal-qubbajt jistgħu jpoġġu fejn irridu u bla ħlas. Rigward il-vannijiet tal-ikel il-Kunsill qabel illi din is-sena ngħatu permess għal żewġ vannijiet tal-ikel u jitpoġġew fuq is-simenta.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni illi pagament numru 182 tal-laqgħa #3 jiġi ikkanċellat peress li kien diġa ġie mħallas biċ-ċekk numru 9437.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament # 266 tat-TCTC għaliex ħallasnih meta dan kellu jkun b'xejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħallasnih għaliex kabbarna it-*tablet* skond kif kien ġie approvat mil-Kunsill.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega rigward pagament #341 fejn qal li kellna 7 *handriers* ma jaħdmux u sewwejna 5 minnhom. Huwa żied jgħid li kien għad fadal tnejn u kellna nixtruhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-kwistjoni kienet nqalet minħabba li kienu qed jużaw it-*toilet paper* sabiex jixxutaw jdejhom. Huwa żied jgħid illi fis-sajf suppost jkollu żewġ ħaddiema, wieħed fil-latrina ta' taħt il-Knisja u l-ieħor fil-latrina tal-Bajja ta' San Tumas.

Il-Kunsilliera ilmentaw illi mhux dejjem qed jkun hemm impjegat tal-Kuntrattur preżenti fil-latrina. Il-Kunsill qabel unanimament illi ntuh l-aħħar ċans qabel ma noħorġulu d-*default notices.*

4.4 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri spjega rigward pagament #257 illi l-flus nġabru mingand in-nies u ġew iddepożitati fi-kont tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li l-Kunsill ħareġ €10 fuq kull persuna għat-total ta' €130.

Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar pproponiet l-awtorizzazjoni ta' dawn il-pagamenti u l-Kunsillier s-Sur Charlot Mifsud ssekonda.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***Approvazzjoni tl-Business Plan 2013-2015:***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u spjega l-*business plan.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk fil-*business plan* hemmx imniżżel il-bini tal-Kunsill il-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi huma imniżżlin u nfurmah illi ma nistgħux napplikaw għal fondi tal-UIF għal bini tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq il-lista ta' toroq li hemm imsemmija fil-business plan.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi dawn it-toroq kienu approvati fil-leġislatura ta' qabel u se jitwettqu f'din il-leġislatura.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

6.1 **Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar(#001 – 27/5/13):**

*"Nistaqsi meta il-Kunsill bi ħsiebu jibda l-bankina fi Triq San Ġwakkin wara li dik kienet għaddiet mozzjoni 312 6/2/12?"*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li din konna abbinajniha ma Triq il-Blajjiet u l-Perit jrid japplika għalija għal fondi tal-UIF, pero` dan kollu jsir wara li jiġi aġġudikat it-tender tal-bankini li jmiss.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk issir il-bankina ser nifrankaw ħafna flus mil-qtugħ ta' ħaxix

6.2 **Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#002 – 27/5/13):**

*"Nistaqsi meta l-Kunsill biħsiebu jinstalla il-WiFi fil-ġonna wara li kien hemm mozzjoni 330 13/4/12 biex dawn isiru?"*

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi kienet saret laqgħa ma rappreżentant tal-MCA flimkien mas-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar sabiex isir il-wifi fi Ġnien Sant'Anna u Ġnien San Tumas u l-ispiża ser tkun ta' €900 fis-sena għa kull sit. Huwa żied jgħid illi il-Gvern Ċentrali qiegħed jikkunsidra illi jsir il-wifi min-naħa tal-gvern.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk il-wifi jsir min-naħa tal-Gvern allura nwaqqfu il-kuntratt minn mal-istess kuntrattur.

6.3 **Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – s-Sur Lawrence Ciantar (#003 – 27/5/13):**

*"Nistaqsi meta se jinbidel it-tapit u l-logħba li hemm fi Ġnien Antoine Randich, meta din għaddiet mozzjoni 310 6/2/12 mill-Kunsill?"*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-MSA kienu infurmawh li nistgħu nħallu t-tapit li hemm filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dalwaqt se tinħareġ sejħa għal-kwotazzjonijiet biex tinbidel l-unika apparat tal-logħob li kien hemm f'dan il-ġnien.

7.0 **Mozzjonijiet:**

7.1 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja (#008 – 22/5/13):**

*"Jipproponi sabiex jinxtraw 12-il board 8x4 biex jintużaw għall-esibizzjonijiet li jkollna. Hekk ikollna 6 settijiet peress li kull tnejn jingħaqdu b'ċappetti apposta u jintrewew bħal ktieb."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Lawrence Ciantar (#009 – 27/5/13):**

*"Jipproponi sabiex issir bozza fi Triq il-Blajjiet fejn il-Mini Market, din minħabba li meta jintefa il-ħanut dik in-naħa tat- triq tiġi imdalma."*

Il-Kunsillier is-Sur ~~Lawrence Ciantar~~ John Baptist Camilleri qal li quddiem dan il-*mini market* hemm bżonn li ssir bozza u anke waħda iktar l-isfel.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nbiddlu l-bozza u ngħamlu waħda ikbar.

7.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Lawrence Ciantar (#010 – 27/4/13):**

*"Jipproponi biex jinżebaw jew jisprenjaw ruħhom il-fanali ornamentali ta' Triq Ix-Xatt. Ix-xogħol għandu jsir qabel il-festa ta' Marsaskala."*

Il-Kunsillier is-Sur ~~Lawrence Ciantar~~ John Baptist Camilleri qal li hemm bżonn issir manutenzjoni sabiex jitneħħa is-sadid u jiġi it-tratta. Huwa qal li l-aħjar li nġibu kwotazzjoni ta' kemm ser jiswina għal kull pole.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġġibu kwotazzjoni ta' kemm se jiġi jiswa kull pole. Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ħa l-kariga biex jiċċekkja iktar fid-dettal.

7.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Lawrence Ciantar (#011 – 27/05/13):**

*"Jipproponi sabiex Triq iż-Żinżel issir il-manutenzjoni tat-triq bit-tarmak mill-kumpanija Waste Serve, wara li saritila ħsara bit- trakkiijiet li għaddew minna biex sar il-Family Park."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Sindku jsemmija fil-laqgħa li jmiss li jkollu kull xahar mal-Wasteserv.

7.5 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Lawrence Ciantar (#012 – 27/05/13):**

*"Jipproponi sabiex is-simenta il-kbira fil Bajja ta' San Tumas tibda tintuża mill-familji għal BBQ's il-ġimgħa, is-sibt u l-ħadd. Dan għandu jsir billi fuq in-naħa ta' barra mall-baħar issir linja safra ta' 1.5 metru biex ikunu jistgħu jitilgħu fuq id-dagħjjes. Kull min jagħmel BBQ irid ikollu apparat tal-BBQ u mhux injam fuq is-siment jew fuq il-ġebel. Għandhom isiru tankijiet biex wara jkunu jistgħu jarmu ic-charcoal tal-BBQ".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi jigħataw permess wara id-9.00p.m

7.6 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Lawrence Ciantar (#013 – 27/5/13):**

*"Jipproponi sabiex issir manutenzjoni tal-gutters tal-ilma tal-bjut fi Triq il-Kosbor u ta l-ilma Triq ir-Riġnu li jmur fi Triq il-Kosbor."*

Il-Kunsill qabel unanimament

7.7 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Lawrence Ciantar (#014 – 27/05/13):**

*"Jipproponi sabiex isir l-isem tat-Triq il-Kosbor taċ-ċeramika".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.8 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Lawrence Ciantar (#015 – 27/05/13):**

*"Jipproponi biex issir manutenzjoni mill-aktar fiss possibli parti minn Triq La Sengle (il-biċċa ta' fuq li tagħti għal Triq San Ġwakkin, qabel ma jkun hemm xi disgrazzja minħabba li t-triq niżlet ħafna u mhux tajba biex jinsaqu vetturi min fuqha".*

Il-Kunsill qabel unanimament li din għanda tkun l-ewwel triq wara li jingħażel il-kuntrattur tat-toroq.

7.9 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur John Baptist Camilleri (#016 – 30/5/13):**

*" Jipproponi sabiex jitwaħħal doggy bin fi Triq il-Bajja."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

7.10 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur John Baptist Camilleri (#017 – 30/5/13):**

*"Jipproponi sabiex jitkompla x-xogħol li kien mibdi bir-resurfacing fil-bidni."*

Il-Kunsill qabel unanimament li nqabbdu l-ħaddiema tal-IPSL meta jkunu jistgħu .

7.11 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur John Baptist Camilleri (#018 – 31/5/13):**

*"Jipproponi sabiex id-dawl li hemm fuq il-bust ta' Charles Clews jinbidel u nagħmlu iktar sikur peress li dak li hu mwaħħal qied jiġi vandalizat u hemm periklu li xi ħadd jista jieħu xokk."*

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.12 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja (#019- 4/06/13):**

*"Jipproponi sabiex il-biċċa art li hemm ħdejn il-pixxina tkun tista tintuża sabiex issir l-iskateboard park."*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li huwa tal-opinjoni illi ma jsir skateboard park fejn qed jiġi proponut għaliex huwa viċin wisq ir-residenti u huwa tal-opinjoni illi jsir fil-family park.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li xorta trid titnaddaf din l-area.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ssuġġerixxa logħba tradizjonali tal-brilli illi tista ssir f'din l-*area* pproponuta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li d-dovulzzjoni ta' l-art mhiex tal-Kunsill u allura responsabbli li jnaddaf huwa is-sid.

Is-Sindku qal li anke tistgħa issir biż-żrar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niċċekjaw jekk jistax jsir il-logħob tal-brilli f'din l-*area* proposta.

7.13 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur Charlot Mifsud (#020 – 4/6/13):**

*"Jipproponi sabiex peress illi hemm parking fuq żewġ naħat Triq il-Kavallieri għanda tiġi one way u jekk hemm bżonn isir traffic management tal-area kollha."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi nerġgħu napplikaw sabiex isir *traffic management* fi Triq in-Nadur, Triq tal-Gardiel, Triq il-Granmastri, Triq il-Kavallieri ta' Malta u s-*side streets* li jaqduwhom.

7.14 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –is-Sur John Baptist Camilleri (#021 – 30/5/13):**

*" Jipproponi sabiex inżidu bozza fi Triq Sant Anna."*

Il-Kunsill qabel unanimament li jinbidel is-*shade* għax antik.

7.15 **Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri:**

Jipproponi sabiex jsir dawl adekwat fuq is-simenta ta' quddiem il-Knisja għal meta jkollna attivita` . Dawn id-dawl ser jitwaħħal mal-poles eżistenti li hemm.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera***

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera illi għal darb'oħra ser isir kors tar-red cross.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fil-10.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun Nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku